B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 867 tad-19 ta' Lulju, 2019, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Baħrija, Ir-Rabat (M)', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 867 dated 19th July, 2019, under the title 'Numbering of doors at Il-Baħrija, Ir-Rabat (M)', the following amendments in **bold** should be made.

IL-BAĦRIJA, IR-RABAT (M)

23. TRIQ IL-QASTAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kappella l-Qadima

Left side entering from Triq il-Kappella l-Qadima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kappella l-Qadima

Right side entering from Triq il-Kappella l-Qadima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Flettijiet)	88
Sit bla bini	90
Sit bla bini	92
Kuvam Court	94

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
88, **Abalos (Flettijiet)**	88
Daħla għall-garaxxijiet	**90**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**92**
Bieb bla numru (Dar)	**92A**
94, Kuvam Court	94

Il-15 ta' Frar, 2022

15th February, 2022

Nru. 228

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAD-DINGLI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 58 tad-19 ta' Jannar, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħad-Dingli', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 228

NUMBERING OF DOORS AT ĦAD-DINGLI

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 58 dated 19th January, 2018, under the title 'Renumbering of doors at Ħad-Dingli', the following amendment in **bold** should be made.

ĦAD-DINGLI

TRIQ DUN KARM AZZOPARDI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Misraħ Suffara

Left side entering from Triq Misraħ Suffara

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Misraħ Suffara

Right side entering from Triq Misraħ Suffara

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Merżuq	56
Garaxx	58
Garaxx	60

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
56, Merżuq	56
Garaxx	58
Bieb bla numru (Flettijiet)	**58A**
60 (Garaxx)	60

Il-15 ta' Frar, 2022

15th February, 2022

Nru. 229

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠILJAN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 244 tal-5 ta' Marzu, 2004, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Ġiljan', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 229

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠILJAN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 244 dated 5th March, 2004, under the title 'Renumbering of doors at San Ġiljan', the following amendments in **bold** should be made.

SAN ĠILJAN

1. TRIQ CLAIRE E. ENGEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Sebuqa, San Ġwann

Left side entering from Triq is-Sebuqa, San Ġwann

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Qalb ta' Ġesù	33
Clayton Court (1-2)	35

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Sebuqa, San Ġwann

Right side entering from Triq is-Sebuqa, San Ġwann

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
33, Qalb ta' Ġesù	33

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
The Bridge (Flettijiet)	**33A**		
Daħla għall-garaxxijiet	**33B**		
35, Clayton Court	35		

Il-15 ta' Frar, 2022

Nru. 230

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAD-DINGLI

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 833, tat-12 ta' Settembru, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħad-Dingli', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

15th February, 2022

No. 230

NUMBERING OF DOORS AT ĦAD-DINGLI

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 833, dated 12th September, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Ħad-Dingli', the following prolongation in **bold** should be made.

ĦAD-DINGLI

25. TRIQ IL-KNISJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pawl

Left side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
11	45

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	**47**
Harmonie	**49**

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pawl

Right side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Il-15 ta' Frar, 2022

Nru. 231

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 233, tal-11 ta' Marzu, 2011, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

15th February, 2022

No. 231

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 233, dated 11th March, 2011, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żejtun', the following prolongation in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

1. TRIQ BUGĦARBIEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Qadi

Left side entering from Triq il-Qadi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
St. Rita	173
Garaxx	175

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Qadi

Right side entering from Triq il-Qadi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	**177**		

Il-15 ta' Frar, 2022

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Biennale tad-Disinn ta' Londra 2023

Sejħa Miftuħa għal Timijiet tad-Disinn għar-Rappreżentanza Nazzjonali ta' Malta

Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet: (www.artscouncil.mt)

Skadenza għas-sottomissjoni: Nhar l-Erbgħa, 6 ta' April, 2022, f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew)

Il-Kunsill Malti għall-Arti, taħt l-awspiċi tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, ingħata r-rwol ta' Kummissarju u Awtorità Kontraenti għall-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Biennale tad-Disinn ta' Londra 2023.

Il-Biennale tad-Disinn ta' Londra 2023 huwa wirja internazzjonali li tinvolvi innovazzjoni tad-disinn u kreattività fost l-aktar avvanzati fid-dinja minn pajjiżi madwar id-dinja. L-avveniment juri l-potenzjal tad-disinn biex jirrispondi radikalment għall-ħtiġiet soċjali u ambjentali li qed jinbidlu, il-kontribut tiegħu għall-ekonomija dinjija u s-setgħa tiegħu li jmexxi l-bidla u jsib soluzzjonijiet għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Il-Kunsill Malti għall-Arti, f'kollaborazzjoni mal-Biennale tad-Disinn ta' Londra, jistieden lil artisti/periti u/jew disinjaturi biex jiffurmaw it-Tim Malti għad-Disinn.

L-installazzjoni ta' Malta se tintwera fil-bitħa tal-binja storika Somerset House f'Londra – waħda mill-aqwa u l-isbaħ binjiet tas-seklu 18 fir-Renju Unit, li hija ta' importanza storika u arkitettonika internazzjonali.

L-Installazzjoni ta' Malta jeħtieġ li tqis l-ispazju pubbliku reali fuq barra li fih se tiġi armata. Se tkun installazzjoni artistika li tieqaf waħidha u speċifika għas-sit u se tkun immersiva, interattiva, u sostenibbli. L-artisti/disinjaturi/periti huma mistiedna biex jesperimentaw b'wirja u formati ta' wirja mhux konvenzjonali.

Fl-applikazzjoni, il-membri tat-tim li se jappoġġjaw it-twassil tal-parteċipazzjoni ta' Malta għandhom jiġu indikati. Fejn xieraq, każijiet fejn l-istess peruna tista' taqdi aktar minn rwol wieħed, għandhom jiġu speċifikati.

15th February, 2022

ARTS COUNCIL MALTA

London Design Biennale 2023

Open Call for Design Teams for Malta's National Representation

Submission of applications: (www.artscouncil.mt)

Submission deadline: Wednesday, 6th April, 2022, at noon (Central European Time)

Arts Council Malta, under the auspices of the Ministry for National Heritage, the Arts and Local Government, has been entrusted to act as the Commissioner and the Contracting Authority of Malta's participation at the London Design Biennale 2023.

The London Design Biennale is an international exhibition featuring world leading design innovation and creativity from countries across the globe. The event reveals the potential of design to respond radically to changing social and environmental needs, its contribution to the world economy and its power to drive change and find solutions for the benefit of all.

Arts Council Malta in collaboration with the London Design Biennale invites artists/architects and/or designers to form a Malta Design Team.

Malta's Installation will be exhibited in the courtyard of the historic Somerset House in London – one of the UK's finest and most beautiful 18th century buildings, which is of international historical and architectural importance.

Malta's Installation needs to take into consideration the actual public outdoor space in which it will be set up in. It will be a site specific, free-standing artistic installation which is immersive, interactive, and sustainable. Artists/designers/architects are welcome to experiment with unconventional display and exhibition formats.

In the application, members of the team who will support the delivery of Malta's participation should be outlined. Where appropriate, instances where the same person may fulfil more than one role should be specified.

Ir-rwoli tat-tim tad-disinn propost jistgħu jinkludu:

Id-Disinjatur Prinċipali: Responsabbli għad-deċiżjonijiet kollha tad-disinn;

Il-Maniġer tal-Proġett: Jikkordina l-informazzjoni kollha bejn it-tim tad-disinn, it-tim LDB u l-kuntratturi approvati. Għandu jkollu l-awtorità li jamministra l-baġits u l-ispejjeż tal-awtorizzazzjoni f'isem it-tim tiegħu;

Kordinatur tal-Finanzjament: Responsabbli għall-kordinazzjoni tas-sorsi tal-finanzjament u l-punt ta' kuntatt għall-fatturi/mistoqsijiet dwar ħlas;

Kummerċjalizzazzjoni/PR: Responsabbli għall-komunikazzjonijiet esterni u l-kummerċjalizzazzjoni, jikkordina l-attività mat-tim tal-komunikazzjoni LDB u l-aġenzija tal-PR;

Maniġer tal-Wirja: Responsabbli għall-operazzjonijiet live matul il-ftuħ pubbliku, l-individwazzjoni ta' soluzzjonijiet u l-punt ta' kuntatt mat-tim live tal-LDB.

Aktar informazzjoni dwar il-Biennale tad-Disinn ta' Londra tista' tinkiseb minn (www.londondesignbiennale.com).

Introduzzjoni qasira tidher fuq (www.youtube.com/watch?v=38ReEs2GkVc).

Mawra virtwali itwal, b'enfasi fuq il-wiri tal-bitħa, tidher fuq (www.youtube.com/watch?v=ckwUZWUtUlo).

Il-Programm tal-Biennale tad-Disinn ta' Londra jista' jinkiseb minn (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/LDB23_Prospectus_compressed.pdf).

Id-dimensjonijiet tal-bitħa jistgħu jinkisbu minn (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/Courtyard%20with%20fountain%20dims.pdf).

L-ispeċifikazzjoni tal-gwida tal-ispazju tista' tinkiseb minn (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/VENUE%20GUIDELINES%20-%20EJSFC.pdf).

Dawk interessati jistgħu japplikaw online billi jirreġistraw il-profil tagħhom fuq is-sit tal-Kunsill Malti għall-Arti (https://funds.artscouncilmalta.org/app/register/request), jaqraw il-linji gwida bir-reqqa minn (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/LDB%20Call%20MT.pdf), u jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom online.

Il-15 ta' Frar, 2022

Proposed design team roles could include:

Lead Designer: Responsible for all design decisions;

Project Manager: Coordinates all information between design team, LDB team and approved contractors. Must have authority to manage budgets and sign-off costs on behalf of his team;

Funding Coordinator: Responsible for coordinating funding sources and point of contact for invoices/payment queries;

Marketing/PR: Responsible for external communications and marketing, coordinates activity with LDB communications team and PR agency;

Exhibition Manager: Responsible for live operations during public opening, trouble-shooting and point of contact with LDB live team.

More information regarding the London Design Biennale can be obtained from (www.londondesignbiennale.com).

A short intro can be viewed at (www.youtube.com/watch?v=38ReEs2GkVc).

A longer tour, with a focus on the courtyard display, can be viewed at (www.youtube.com/watch?v=ckwUZWUtUlo).

The London Design Biennale Prospectus can be obtained from (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/LDB23_Prospectus_compressed.pdf).

The courtyard dimensions can be obtained from (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/Courtyard%20with%20fountain%20dims.pdf).

Space guidance specification can be obtained from (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/VENUE%20GUIDELINES%20-%20EJSFC.pdf).

Those interested are invited to apply online by registering their profile on Arts Council Malta's site (https://funds.artscouncilmalta.org/app/register/request), read the guidelines carefully (https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/LDB%20Call%20EN%203.pdf), and submit their application online.

15th February, 2022

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Pożizzjoni ta' Head of Desk – Culture (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Head of Desk – Culture (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) fid-Direttorat tal-Kultura fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, fuq bażi full-time.

2.Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet (3) snin bħala Head of Desk – Culture (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) fid-Direttorat tal-Kultura fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Head of Desk – Culture (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-Head of Desk – Culture (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) jaħdem is-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel pubbliċi.

3. Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

Is-salarju tal-pożizzjoni ta' Head of Desk – Culture (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) hu ta' €31,710 fis-sena.

4. Dmirijiet

Id-dmirijiet għal pożizzjoni ta' Head of Desk – Culture (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) jinkludu li:

a) Jippubliċizza u jippromovi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u l-programm sussegwenti, fil-livell nazzjonali, filwaqt li jinforma lill-professjonisti fis-settur bl-appoġġ disponibbli fis-sottoprogramm tal-Kultura;

b) Jamministra b'mod konġunt flimkien mar-Rappreżentant tal-Midja (Uffiċċju Ewropa Kreattiva),

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE,
THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Position of Head of Desk – Culture (Creative Europe Desk) in the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government and Ministry for Equality, Research and Innovation, invites applications for the position of Head of Desk – Culture (Creative Europe Desk) in the Culture Directorate within the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government on full-time basis.

2. Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year contract as Head of Desk – Culture (Creative Europe Desk) in the Culture Directorate within the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government.

2.2 The position of Head of Desk – Culture (Creative Europe Desk) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4. The Head of Desk – Culture (Creative Europe Desk) may need to work on Saturdays, Sundays and Public Holidays.

3 Salary Pegged to the Position

3.1. The salary for the position of Head of Desk – Culture (Creative Europe Desk) is that of €31,710 per annum.

4. Duties

4.1. The job duties for the position of Head of Desk – Culture (Creative Europe Desk) include:

a) Publicising and promoting the Creative Europe Programme (2021-2027) and the subsequent programme, at national level, while informing professionals in the sector of the support available in the Culture sub-programme;

b) Jointly administering the funds (together with Creative Europe Desk: Media Representative) provided by the

il-fondi pprovduti mill-Gvern Malti u mill-Kummissjoni Ewropea għall-Programm Ewropa Kreattiva;

c) Jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-programm bl-akbar numru ta' professjonisti li jaħdmu fis-settur tal-kultura, inkluż iżda mhux limitat għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti;

d) Jagħti assistenza teknika lill-kandidati fil-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet taħt is-sottoprogramm tal-Kultura u, jekk meħtieġ, jiddiriġihom fl-għażla ta' kwalunkwe mekkaniżmu ieħor aktar adattat biex jappoġġja l-proġett tagħhom;

e) Ikollu għarfien sod tal-istituzzjonijiet u l-pjattaformi tal-kultura nazzjonali u tal-UE sabiex tiġi stimulata l-koperazzjoni bejn il-pajjiżi differenti bejn il-professjonisti u n-networks fis-settur;

f) Jiżgura kuntatt konsistenti mad-diversi istituzzjonijiet lokali u tal-UE li jagħtu appoġġ lis-settur, u b'hekk jikkontribwixxi għal kumplimentarjetajiet bejn l-azzjonijiet tal-Programm Ewropa Kreattiva u miżuri oħra ta' appoġġ nazzjonali u Ewropej;

g) Iżomm rabta ma' uffiċċji oħra ta' informazzjoni f'Malta sabiex tkun f'pożizzjoni li tiggwida lill-applikanti potenzjali fuq il-programmi komunitarji disponibbli l-aktar xierqa għall-bżonnijiet tagħhom;

h) Jassisti u jagħti pariri dwar l-editorjal ta' materjal stampat, viżiv u online;

i) Jirrapporta u jagħti konsultazzjoni lid-Direttorat tal-Kultura u lill-Ministeru dwar mistoqsijiet, kwistjonijiet u pożizzjonijiet b'rabta mas-settur tal-Kultura; u attivitajiet immirati lejn is-settur;

j) Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor li s-Segretarju Permanenti jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha, jiddelegalu/ha, kif ikun meħtieġ;

k) Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5. Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. Ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

Maltese Government and by the European Commission for the Creative Europe Programme;

c) Encouraging and facilitating participation in the programme by the widest number of professionals working in the culture sector, including but not limited to the organisation of events;

d) Giving technical assistance to candidates on the presentation of applications under the Culture sub-programme and, if required, directing them in the choice of any other more suitable mechanism to support their project;

e) Having a sound knowledge of national and EU culture institutions and platforms in order to stimulate cross-border cooperation between professionals and networks in the sector;

f) Ensuring consistent contact with the various local and EU institutions giving support to the sector, thereby contributing to complementarities between the actions of the Creative Europe Programme and other national and European support measures;

g) Maintaining a link with other information offices in Malta in order to be in a position to guide potential applicants on the community programmes available most appropriate to their needs;

h) Assists and advises on editorial of printed, visual and online information.

i) Proving feedback and consultation to the Culture Directorate and the Ministry on questions, issues and positions in relation to the Culture sector; and activities targeting the sector;

i) Undertakes any other tasks which the Permanent Secretary (or his/her representative) delegates to him/her, as may be required;

k) Undertakes any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

5 Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. fil-pussess ta' kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f'wieħed minn dawn li ġejjin: Media and Communications; jew Public Administration; jew Public Policy and Strategic Management; jew Management;

iii. in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits) in either one of the following; Media and Communications; or Public Administration; or Public Policy and Strategic Management; or Management; or Creativity

jew Creativity and Innovation; jew Diplomatic Studies; jew Contemporary Diplomacy; jew Knowledge-based Entrepeneurship; jew Strategic Management and Marketing/ Digital Marketing; jew Research; jew kwalifika professjonali komparabbli, u sentejn (2) esperjenza rilevanti;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtoritajiet maħtura oħra.

6. Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz ta' ittra elettronika lil(culture@gov.mt).

7. Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

8. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

Ittra ta' motivazzjoni flimkien ma CV, kopji tal-kwalifiki u kwalunkwe ċertifikati/testimonjanzi ta' esperjenza mitluba, għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Kultura, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz ta' ittra elettronika lil (culture@gov.mt). Ċertifikat tal-Kondotta, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, għandu wkoll jintbagħat fl-istess indirizz sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din l-applikazzjoni. Id-data tal-għeluq tal-wasla tad-dokumenti KOLLHA hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu, 2022.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.culture.gov.mt) u (culture@gov.mt).

Il-15 ta' Frar, 2022

UFFIĊĊJU EWROPA KREATTIVA - MALTA

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

and Innovation; or Diplomatic Studies; or Contemporary Diplomacy; or Knowledge-based Entrepreneurship; or Strategic Management and Marketing/Digital Marketing, or Research; or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities.

6 Submission of Supporting Documents

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent via email to (culture@gov.mt).

7. Selection Procedures

7.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

8. Submission of Applications

8.1. A Motivation Letter, together with a CV, copies of qualifications and any certificates/testimonials of experience claimed, are to be submitted, for the attention of the Director Culture, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, via email to (culture@gov.mt). A Certificate of Conduct, which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format is to be sent as well at the same address by closing time and date. The closing time and date of the receipt of ALL documents is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 11th March, 2022.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.culture.gov.mt) and (culture@gov.mt).

15th February, 2022

CREATIVE EUROPE DESK - MALTA

Co-funded by the European Union

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Pożizzjoni ta' Media Desk Representative (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Media Desk Representative (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) fid-Direttorat tal-Kultura fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fuq bażi full-time.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

Persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet (3) snin bħala Media Desk Representative (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) fid-Direttorat tal-Kultura fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

Il-pożizzjoni ta' Media Desk Representative (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

Jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-Media Desk Representative (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) jaħdem is-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel pubbliċi.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

Is-salarju tal-pożizzjoni ta' Media Desk Representative (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) hu ta' €31,710 fis-sena.

Dmirijiet

4.1. Id-dmirijiet għall-pożizzjoni ta' Media Desk Representative (Uffiċċju Ewropa Kreattiva) jinkludu li:

a. Jassisti lill-Kap tal-Ewropa Kreattiva fil-programm tal-Media;

b. Isegwi dak kollu li jkun qed jiġi propost u diskuss fl-Ewropa Kreattiva u jżomm lill-awtoritajiet konċernati infurmati;

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Engagement of Media Desk Representative (Creative Europe Desk) in the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Permanent Secretary, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government and Ministry for Equality, Research and Innovation, invites applications for the engagement of Media Desk Representative (Creative Europe Desk) in the Culture Directorate within the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, on full-time basis.

Duration of Assignment and Conditions

2.1. A selected candidate will enter into a three (3) year contract as Media Desk Representative (Creative Europe Desk) in the Culture Directorate within the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government.

2.2. The position of Media Desk Representative (Creative Europe Desk) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3. Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4. The Media Desk Representative (Creative Europe Desk) may need to work on Saturdays, Sundays and Public Holidays.

Salary Pegged to the Position

The salary for the position of Media Desk Representative (Creative Europe Desk) is that of €31,710 per annum.

Duties

The job duties for the position of Media Desk Representative (Creative Europe Desk) include:

a. Assisting the Head of Creative Europe in the Media programme;

b. Following all proposals and discussions at the level of Creative Europe and keep the local authorities abreast;

c. Jassisti u Jattendi konferenzi u avvenimenti tal-Ewropa Kreattiva barra l-pajjiż skont il-ħtieġa;

d. Jieħu sehem f'sessjonijiet ta' informazzjoni u avvenimenti mill-Uffiċċju tal-Ewropa Kreattiva f'Malta li jistgħu jsiru fis-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel pubbliċi;

e. Jippromovi b'mod attiv f'Malta azzjonijiet tal-Media tal-Ewropa Kreattiva;

f. Jassisti f'mistoqsijiet relatati mall-programm tal-Media;

g. Jagħti għajnuna teknika lill-kandidati fuq il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet;

h. Jikkollabora ma' kontrapartijiet tiegħu/tagħha fl-Uffiċċji barranin tal-Ewropa Kreattiva;

i. Jikteb rapporti;

j. Iżomm rabta ma' uffiċċji oħra ta' informazzjoni f'Malta sabiex ikun f'pożizzjoni li jiggwida lill-applikanti potenzjali fuq il-programmi komunitarji disponibbli l-aktar xierqa għall-bżonnijiet tagħhom;

k. Jassisti u jagħti pariri dwar l-editorjal ta' materjal stampat, viżiv u online;

l. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor relatat li l-Kap tad-Desk tal-Ewropa Kreattiva jista' jiddelegalu/ha;

m. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor li s-Segretarju Permanenti jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha, jiddelegalu/ha, kif ikun meħtieġ;

n. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. Ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż

c. Assisting and attending in Creative Europe conferences and events abroad as required;

d. Taking part in info sessions and events by Creative Europe Desk Malta which may be held on Saturdays and Sundays and public holidays;

e. Promoting Creative Europe Media Actions in Malta;

f. Assisting in queries related to the Media programme;

g. Giving technical assistance to candidates on the applications;

h. Liaising with his/her counterparts in Creative Europe Desks abroad;

i. Report writing;

j. Maintaining a link with other information offices in Malta in order to be in a position to guide potential applicants on the community programmes available most appropriate to their needs;

k. Assisting and advising on the editorial of printed, visual and online information;

l. Undertaking any other tasks, related to the Creative Europe Desk which the Head of Creative Europe Desk may delegate to him/her;

m. Undertaking any other tasks which the Permanent Secretary (or his/her representative) delegates to him/her, as may be required;

n. Undertaking any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. Citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of

leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

Fil-pussess ta' kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) f'wieħed minn dawn li ġejjin: Media and Communications; jew Public Administration; jew Public Policy and Strategic Management; jew Management; jew Creativity and Innovation; jew Diplomatic Studies; jew Contemporary Diplomacy; jew Knowledge-based Entrepeneurship; jew Strategic Management and Marketing/Digital Marketing; jew Research; jew kwalifika professjonali komparabbli, u sentejn (2) esperjenza rilevanti;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Able to communicate in the Maltese and English languages;

In possession of a recognised Master's qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits), or equivalent in either one of the following: Media and Communications; or Public Administration; or Public Policy and Strategic Management; or Management; or Creativity and Innovation; Diplomatic Studies; or Contemporary Diplomacy; or Knowledge-based Entrepreneurship; or Strategic Management and Marketing/Digital Marketing, or Research; or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements indicated above.

L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtoritajiet maħtura oħra.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz ta' ittra elettronika lil (culture@gov.mt).

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

Ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV, kopji tal-kwalifiki u kwalunkwe ċertifikati/testimonjanzi ta' esperjenza mitluba, għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Kultura, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz ta' ittra elettronika lil (culture@gov.mt). Ċertifikat tal-Kondotta, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, għandu wkoll jintbagħat fl-istess indirizz sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din l-applikazzjoni. Id-data tal-għeluq tal-wasla tad-dokumenti KOLLHA hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu, 2022.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.culture.gov.mt) u (culture@gov.mt).

Il-15 ta' Frar, 2022

Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities.

Submission of Supporting Documents

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent via email to (culture@gov.mt).

Selection Procedures

Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

Submission of Applications

A Motivation Letter, together with a CV, copies of qualifications and any certificates/testimonials of experience claimed, are to be submitted, for the attention of the Director Culture, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, via email to (culture@gov.mt). A Certificate of Conduct, which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format is to be sent as well at the same address by closing date and time. The closing date and time of the receipt of ALL documents is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 11th March, 2022.

The website address and e-mail address of the receiving Directorate are (http://www.culture.gov.mt) and (culture@gov.mt).

15th February, 2022

UFFIĊĊJU EWROPA KREATTIVA - MALTA

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea MEDIA

CREATIVE EUROPE DESK - MALTA

Co-funded by the European Union MEDIA

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Services Officer – Workstation Management

Permess tal-Jobsplus 379/2017

Il-MITA qed tfittex persuna motivata u akkanita biex tingħaqad mat-tim tagħna tal-Workstation Management.

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Technical Service Officer – Workstation Management

Jobsplus Permit 379/2017

MITA is looking for a motivated and self-driven individual to join our Workstation Management Team. This

Dan it-tim huwa wieħed mill-kuntributuri ewlenin tal-ICT tal-Gvern ta' Malta, responsabbli li jissapportja aktar minn 20,000 stazzjon tax-xogħol.

L-applikanti għandu jkollhom:

Ħeġġa għal:

Xogħol f'tim dinamiku fejn l-opinjoni tal-individwu tgħodd;
Tagħlim dwar teknoloġiji l-aktar avvanzati li jinkludu Win10 u 11, Microsoft Intune u Autopilot, Azure AD u Microsoft BI;
Assikurazzjoni ta' sodisfazzjon tal-klijent bis-servizz fil-pront u l-għarfien kurrenti tiegħek.

Kapaċi li:

Iżommu mentalità motivata;
Jippjanaw u jikkordinaw;
Jikkomunikaw tajjeb kemm fil-kitba kif ukoll fid-diskors bl-Ingliż;
Isolvu l-problemi;
Ikollhom għajn tajba għad-dettall;
Jaħdmu b'superviżjoni mill-inqas.

Il-benefiċċji jinkludu:

Bilanċ tajjeb bejn xogħol u ħajja personali;
Assikurazzjoni tas-Saħħa;
Pjan estensive tal-mobile voice and data;
Arranġament ta' xogħol flessibbli u xogħol remot;
Il-ħarsien tal-impjegati;
Żvilupp fil-karriera;
Rikonoxximent tal-performance.

Il-kandidati magħżula jkunu esposti għal:

Post ta' xogħol b'konoxxenza għall-bżonnijiet tal-familja;
Taħriġ u mentoring kontinwu;
Proġetti ta' importanza nazzjonali u utenti ta' profil għoli fil-Gvern.

Eliġibbiltà

Il-kandidati eliġibbli jkollhom waħda minn dawn il-kumbinazzjonijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenza relatati mal-ICT:

1. Diploma relatata mal-ICT (Livell tal-MQF 5); JEW
2. Diploma relatata mal-ICT (Livell tal-MQF 4) flimkien ma' sena esperjenza f'qasam tal-ICT; JEW
3. Sentejn esperjenza relatata mal-ICT.

Gradwati friski jistgħu jkunu offruti opportunità ta' impjieg suġġetta għar-riżultati finali.

team is one of the main contributors to Government of Malta ICT, responsible to support more than 20,000 workstations.

Applicants must be:

Eager to:

Working in a dynamic team where their opinion matters.

Learn about cutting-edge technologies including Windows 10 and 11, Microsoft Intune and Autopilot, Azure AD and Microsoft BI;
Ensure customer satisfaction with their prompt service and up-to-date knowledge.

Capable of:

Maintaining a motivated mindset;
Planning and coordinating;
Communicating fluently both written and verbally in English;
Problem solving;
Having an eye for detail;
Working with minimum supervision.

Benefits include:

